MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 573/2004

**Reuben Tanti**

**Vs**

**Alexander Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet li l-attur esegwixxa fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi fl-ewwel lok bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ftehim dwar hlasijiet ghal xoghol li l-attur ghamel lill-konvenut u dan peress illi l-kontendenti huma kugini, fit-tieni lok f’kaz li hemm dritt ta’ hlas da parti ta’ l-attur is-somma mitluba hija eccessiva u fit-tielet lok il-konvenut ghamel xoghlijiet fil-fond ta’ l-attur u xoghlijiet ohra fuq ordni ta’ l-attur u dan kif dedotta fil-Kontro-Talba u b’hekk ipproceda biex ipprezenta

Kontro-Talba fejn talab li l-attur ihallsu s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200), liema Kontro-Talba giet ikkontestata.

Sema' x-xhieda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Edward Gatt ghall-attur u Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet huma kugini u kienu hbieb. Kien hemm relazzjoni tajba hafna bejn il-partijiet u li l-konvenut ried jixtri magna *second hand* li biha jkun jista' jqatta' l-irham. Huwa kien tkellem ma' l-attur li bhala *part time* jaghmel xoghol ta' *mechanical fitter* u ghandu *garage* zghir Haz-Zebbug. Ftehmu li l-konvenut jixtri din il-magna u l-attur jghinu biex jirrangaha u jiffittjaha kif suppost. Ma ftehmux x'kien se jkun il-kumpens li jithallas lill-attur anzi ma sar l-ebda diskors dwar kumpens.

Fl-istess zmien li kien qieghed isir ix-xoghol fuq din il-magna, l-attur talab li l-konvenut jaghmillu xi xoghlijiet fil-bini tieghu u fil-fatt kien hemm li l-konvenut ta l-prezzijiet lill-attur.

Jidher li l-prezzijiet m'ghogbux lill-attur tant li l-konvenut ma giex inkarigat.

Meta l-magna giet irrangata, xi gimghat wara, l-attur talab lill-konvenut jikkumpensah ghax-xoghol maghmul. Fil-process hemm esebita Ittra li ggib id-data tat-12 ta' Frar, 2004 li minnha jirrizulta li l-attur esiga kumpens ekwivalenti ghal erba' mitt lira Maltin (Lm400) li minnha kien dispost li jnaqqas mitt lira Maltin (Lm100) ghal xoghol ta' tqattigh u twahhil ta' Travertin izda fil-fatt dan it-Travertin ma twahhalx u ghalhekk l-attur qieghed jippretendi erba' mitt lira Maltin (Lm400).

Fix-xhieda tieghu l-attur jaccetta li hemm xi xoghlijiet li saru ghall-beneficcju tieghu mill-konvenut u kkalkula li l-konvenut tah b'xi ghaxar sighat xoghol.

It-Tribunal jidhirlu li kull min jaghmel xoghol ghandu d-dritt jigi kkumpensat u galadarba ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet x'sejra tkun ir-rata jew l-ammont ta' kumpens, tali decizjoni tispetta lil dan it-Tribunal a bazi tal-principji ta' l-ekwita'.  L-istess intqal dwar ix-xoghlijiet maghmula mill-konvenut ghall-beneficcju ta' l-attur.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi x-xoghol maghmul mill-attur ghall-beneficcju tal-konvenut, huwa ferm iktar minn dak maghmul mill-konvenut ghall-beneficcju ta' l-attur.  Huwa difficli biex wiehed jikkwantifika l-ammont, partikolarment billi jirrizulta li l-attur ma nfurmax lill-konvenut li qieghed izomm notament tal-hin li qed idum meta jahdem fuq il-magna in kwistjoni u semmielu s-sighat wara u mhux qabel.

L-attur hawnhekk naqas ghax messu, meta nduna li din se tehodlu hafna hin, iccara l-pozizzjoni bejnu u bejn il-konvenut minnufih.  Hekk il-konvenut kien ikollu l-opportunita' li jaccetta jew jirrifjuta l-*quotation*.  Mill-banda l-ohra l-konvenut sabha komda wisq li ma jitlobx *quotation* minghand l-attur.

Illi ghalhekk tenut kont ic-cirkostanzi kollha fuq imsemmija, t-Tribunal jidhirlu li mill-ammont pretiz mill-attur, ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' hamsin lira Maltin (Lm50) li huma ekwivalenti ghax-xoghol li ghamel il-konvenut ghall-beneficcju ta' l-attur u t-talba attrici ghandha tigi milqugha fis-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

Illi ghalhekk it-talba u l-kontro-talba qieghdin jigu milqugha parzjalment kif fuq inghad.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-talba ta' l-attur in parte, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350).  L-ispejjez tal-kawza u tal-Kontro-Talba

komplessivament ikunu kwantu ghal 1/5 ghall-attur u 4/5 ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------